XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 419*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 47*
*Il-Ġimgħa 03 ta' Diċembru, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.40pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużat:* *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 418 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-34**

i. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Reno Pace ta' Reno Ironmongery, Triq Sant'Elizabetta, ix-Xewkija, ma aċċettax li jagħti sponsor ta' €100 dwar il-Wirja tal-Annimali li tkun organizzata mill-Kunsill. Dan l-ammont kien tnaqqas mill-kontijiet pendenti li l-Kunsill kellu ma' Reno Ironmongery wara li huwa kien ġie nfurmat permezz ta' ittra kif isir ta' kull sena meta tkun se tiġi organizzata l-istess Wirja tal-Annimali, f'Awwissu. Għalhekk il-Kunsill qabel li nħallsu l-ammont ta' €100 u b'hekk huwa ma jkunx ta sponsor lill-Kunsill.

ii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li minkejja li bagħat ittri lid-Direttur u lill-Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lill-President tal-Assoċċazjoni tal-Kunsilli Lokali u lill-Uffiċċjal inkarigat minn naħa tal-Wasteserv Ltd dwar il-kontijiet tal-istess Wasteserv Ltd għat-tipping fees, il-Kunsill għadu ma rċieva ebda risposta. Il-Kunsill qed jirċievi kontijiet għat-tipping fees għola minn kemm għandu allokat fl-allokazzjoni tiegħu. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsillieri organizzata mill-AKL, dan is-suġġett ġie diskuss ukoll. Il-President tal-AKL qal li kull Kunsill għandu iħallas skond l-allokazzjoni tiegħu u mhux skond kif qed jibgħatu l-invoices il-Wasteserv Ltd (jekk dawn huma għola). Dan sakemm joħorġu struzzjonijiet oħra minn naħa tal-AKL jew mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ġie allokat €15,010 għas-sena 2010 u għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li m'għandnix naqbżu dan l-ammont bħala ħlas għal tipping fees lill-Wasteserv.

**2. Laqgħa Pubblika**

XEWKIJA

Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Pubblika ta' din is-sena għandha ssir nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2010 fis-6.00pm

*F'dan il-ħin, l-7.50pm, il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li ma segħtax ikompli jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill.*

**3. Kwotazzjoni – Patching ta' trinek li jkunu saru mill-WSC**

Infetħet il-kaxxa tal-offerti. Offerta waħda biss intefgħet li hija ta' Gatt Tarmak Ltd u l-istima hija ta' €147. Il-Kunsill qabel li din l-istima hija ferm għola minn kemm il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma (WSC) ser jagħtu lill-Kunsill ta' kull trinka li huma jagħmlu wara li jkun hemm servizz jew ħsarat fis-servizz tal-ilma. Fil-fatt skond il-ftehim li sar bejn l-AKL u l-WSC il-Kunsilli se jingħataw €50 għal kull servizz/trinka li tkun saret. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lill-kuntrattur konċernat biex naraw jekk hux lest li jagħmel dan ix-xogħol ta' patching bl-istima ta' €50.

**4. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv matul l-aħħar sena. Is-Sindku pproponiet li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu l-performance bonus sħiħ. Il-Kunsilliera Marthese Portelli ssekondat din il-mozzjoni li għaddiet unanimament.

**5. Performance Bonus tal-Assistant Prinċipal**

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ħidma tal-Assistant Prinċipal matul l-aħħar sena. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li l-Assistant Prinċipal għandha tieħu l-performance bonus sħiħ. Il-Kunsilliera Marthese Portelli ssekondat din il-mozzjoni li għaddiet unanimament.

**6. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Deborah Pace mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali nfurmat lill-Kunsill Lokali dwar il-proċess tal-applikazzjoni li ser tagħmel Malta għall-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018. Hija bagħtet ukoll Charter biex jiġi diskuss u approvat mill-Kunsill u b'hekk kull Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex jieħu sehem f'din l-applikazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan ic-Charter u qabel unanimament li l-Kunsill Lokali tax-Xewkija għandu jiffirmah u jieħu sehem fl-applikazzjoni ta' Malta għall-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.

ii. Transport Malta approvaw il-proposta tat-traffiku biex Triq Manwala u Triq Ballata (u mhux l-HOS kollu tal-Barmil) ma jkunux jistgħu jipparkjaw vetturi kbar.

iii. Transport Malta approvaw il-proposta tat-traffiku biex jsiru sinjali sofor (doppji) fi Triq San Leonard quddiem sqaq.

iv. Is-Surmast tal-Iskola f'isem il-Kunsill Lokali tat-Tfal informa lill-Kunsill li l-istima biex issir il-pittura l-kbira fis-sala tal-iskola hija ta' €350. L-artist huwa Victor Agius. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw biex dan ix-xogħol ikun jista' isir.

v. Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali nforma lill-Kunsilli dwar talba li kellhom minn għand Arka Foundation biex kull Kunsill Lokali (ta' Għawdex) jorganizza attivita sportiva fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju tal-istess fondazzjoni. Dan is-suġġett ġie diskuss ukoll waqt laqgħa tal-Kumitat Reġjonali. Kull Kunsill Lokali għandu jibgħat il-proposta tiegħu dwar x'attivita sportiva se jorganizza.

vi. Is-Surmast tal-Iskola f'isem il-Kunsill Lokali tat-Tfal informa lill-Kunsill li l-istima biex jinżebgħu t-turġien tal-ground hija ta' €118.94 (żebgħa biss). Il-Kunsill qabel li għandna nwettqu dan il-proġett propost mill-Kunsill Lokali tat-Tfal. Għalhekk se nordnaw iż-żebgħa u nibgħatu lill-ħaddiema li huma assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema tal-ETC biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

vii. Il-Moviment ta' Kana qed iniedi l-konkors "Familja Qalb tad-Deheb 2010". L-applikazzjonijiet għal nominazzjonijiet għal dan il-premju jagħlqu fit-23 ta' Diċembru 2010.

viii. Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar l-offerta għal xogħol ta' tarmak taħt l-iskema tal-Private Public Partnership. Joseph Tabone mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab li nibgħatu breakdown tal-istimi (tal-irħas offerta) triq triq. B'hekk id-Dipartiment ikollu indikazzjoni kull triq kemm se tiġi tiswa. Fl-ittra tiegħu, Joseph Tabone enfasizza biex il-Kunsill ma' jiffirmax xi ftehim mal-kuntrattur konċernat qabel jingħataw struzzjonijiet oħra minn naħa tad-Dipartiment.

ix. PC A. Portelli talab biex isir appuntament għal-laqgħa bejn il-Kunsill Lokali u l-Ispettur Josric Mifsud biex tiġi diskussa ittra li Alfred Vella bagħat lill-PS 369 J. Mizzi fis-16 ta' Awwissu 2010. Alfred Vella fl-ittra tiegħu fost affarijiet oħra qed jagħmel proposta tat-traffiku biex sqaq fi Triq San Ġwann Battista u li jwassal għal Triq tal-Ħamrija jingħalaq għat-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandu jsir appuntament biex din il-laqgħa tkun tista' ssir.

x. Il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq informa lill-Kunsill li l-ismijiet ta' toroq ġodda Trejqa tal-Barrieri u Triq il-Bir tal-Franċiżi kienu ġew approvati u anke dehru fil-gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Novembru 2010. Il-Kunsill qabel li nordnaw għand l-Alka Ceramics biex jagħmlu tabelli b'dawn l-ismijiet il-ġodda u b'hekk jitwaħħlu fuq il-post.

xi. Il-Mepa bagħtet il-Compliance Certificate dwar il-bini tal-latrina pubblika ġdida fi Triq tal-Ħamrija. Għalhekk issa l-Kunsill jista' japplika għas-servizzi tad-dawl u l-ilma.

xii. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar attivita li tista' ssir biex jinġabru fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund. Memo 144/2010 qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jorganizzaw attivita biex jinġabru fondi għal dan l-iskop. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li nikkordinaw flimkien mal-Kumitat taċ-Ċentru Parrokkjali biex jiġi

organizzat coffe morning b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Kunsillier Mizzi se jagħmel il-kuntatti meħtieġa biex din l-attivita tkun tista' ssir.

## 7. Materja oħra

i. Is-Sindku staqsiet lis-Segretarju dwar il-fanali li hemm fi Triq il-Kbira peress li mhux qed jixgħelu (ta' fuq il-ġibjun). Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dwar dawn hemm problema peress li hemm ħsara taħt l-art u trid tiġi rranġata. Peress li dawn il-fanali kienu ġew installati minn Hilite u għalhekk dan il-kuntrattur jaf x'hemm bżonn isir biex titranġa l-ħsara, il-Kunsill qabel li nordnaw li jsir ix-xogħol meħtieġ għand Hilite.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li hija u s-Segretarju attendew aktar kmieni llum dwar traffic management ta' Triq Mgarr. Matul din il-laqgħa ġie diskuss kif għandu jgħaddi t-traffiku meta jkun qed isir ix-xogħol fi Triq Mgarr. Matul l-istess laqgħa sar magħruf li l-pjan li d-devjazzjoni tkun għal Triq Ġuże D'Amato tneħħa u minflokk ser jiġi devjat kollu għal Triq Indipendenza. Waqt il-laqgħa s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv urew li huma ma jaqblux ma' din id-deċiżjoni. Is-Sindku semmiet ukoll kif f'laqgħa li kelna aktar kmieni din is-sena ma' Transport Malta u li saret f'Malta fid-19 ta' April, u li għaliha kien hemm preżenti ukoll rappreżentant tal-Ministeru Għal Għawdex, is-Sur Tony Borg, kien ġie deċiż li t-traffiku kien se jiġi devjat lejn Triq Ġuże D'Amato u din it-triq kellha tingħata kisja tarmak ukoll. Għalhekk is-Sindku pproponiet li niktbu ittra lill-Perit Walter Portelli (Rappreżentant ta' Transport Malta) li kien preżenti għal-laqgħa tad-19 ta' April, biex jikkonferma dak li kien ġie deċiż fl-istess laqgħa, jiġifieri li Triq Ġuże D'Amato kellha tingħata t-tarmak biex id-devjazzjoni tat-traffiku jgħaddi minnha u mhux minn Triq Indipendenza. Il-Kunsill qabel li Triq Indipendenza ma tistax tieħu aktar traffiku peress li hija dejqa u diġa għandna l-problemi kif inhi illum.

iii. Fl-aħħar laqgħa kienet ġiet diskussa l-offerta dwar ġbir ta' skart li saret flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-Munxar, Xagħra u ta' Sannat. Fost affarijiet oħra kien ġie propost minn KIP Għawdex Ltd biex ir-rata minn €606 tinżel għal €565. Il-Kunsill Lokali tagħna ma aċċettax din l-istima u kien qabel li għandna noħorġu sejħa mill-ġdid tal-offerti. Minn dak in-nhar saret laqgħa oħra bejn il-Kunsilli Lokali imsemmija u l-kuntrattur (il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ma kienx infurmat biex jattendi għal din il-laqgħa). Minn komunikazzjoni li saret mas-Segretarju Eżekuttiv waqt l-istess laqgħa, dawn informawh li l-KIP Għawdex Ltd fil-fatt ser inaqqsu r-rata għal €538 (peress li minn €565 trid tnaqqas 5% contract manager fee). Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u qabel li għandu iżomm l-istess deċiżjoni u għalhekk se toħroġ sejħa mill-ġdid għall-offerti.

iv. Paul Vella ta' Triq tal-Kanal issuġġerixxa biex issir sistema ta' one ways fiċ-ċentru tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandu jsir xi ħaġa u fil-fatt kemm 'l darba għamel proposti dwar it-traffiku. Il-Kunsill qabel li naraw nistgħux insibu lil xi ħadd li jkun kwalifikat f'dan il-qasam u nitolbu parir dwar x'jista' jsir biex it-traffiku fix-Xewkija jimxi aħjar.

v. Paul Vella ta' Triq Tal-Kanal qal li hemm xi kmamar fil-wied ta' Mġarr ix-Xini li ġew okkupati minn xi ħadd u hemm l-klieb li qed jagħmlu l-istorbju u ħmieġ. Huwa qed jipproponi biex il-Kunsill jieħu dawn il-kmamar. Il-Kunsill qabel li l-ewwel trid tara jekk din hiex proprjeta privata jew le. Jekk inhi proprjeta tal-Gvern, id-Dipartiment tal-Artijiet għandu jiġi nfurmat biex jieħu l-passi meħtieġa. Dwar l-istorbju jista' jsir rapport lill-Pulizija wkoll. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru aktar informazzjoni minn għand Paul Vella biex inkunu nistgħu nieħdu xi tip ta' azzjoni dwar dan l-ilment.

vi. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Hubert Saliba kien għamel suġġeriment biex fi żmien il-Milied mal-fanali ta' Triq Arc. Ciantar jeħlu kuruni b'ċoff bħala parti mit-tiżjin tal-Milied. Peress li f'dan il-ħin il-Kunsillier Saliba ma kienx preżenti, il-Kunsill ma ħax deċiżjoni. Is-Sindku staqsiet f'hiex wasal is-suġġeriment tagħha li ilha tagħmel ta' kull sena biex jiżdied it-tiżjien tal-Milied speċjalment fil-ġonna pubbliċi li għandna fix-Xewkija. Fil-fatt xi snin ilu kien sar xi tiżjien fil-ġonna pubbliċi. Il-Kunsill qabel li nibdew naħdmu dwar dawn biex sena oħra nżidu t-tiżjin tal-Milied fix-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill fl-ispejjeż li jinvolvi dan it-tiżjien u għalhekk irridu noqgħodu attenti kemm nistgħu nżidu tiżjin ma' dak li diġa qed isir.

vii. Josephine Azzopardi ta' 40 Triq il-Kav. L. Z. Haber talbet biex issir il-bankina tal-post tagħha fi 48 Triq il-Kbira peress li l-bankina li hemm bħalissa qegħda livell mat-triq. Hija qalet li dan il-post għadha kif irranġatu u għalhekk se jibda jkun abitat. Il-Kunsill qabel li ngħaddu dan is-suġġeriment biex issir bankina ġdida permezz tas-sistema tal-Customer Care.

viii. Mary Louise Bajada li qed tagħmel il-kors tal-Embroidery, staqsiet lill-Kunsill jekk hux possibbli li tagħmel kors ieħor, din id-darba dwar il-bizzilla. Il-Kunsill qabel li peress li korsijiet tal-bizzilla nagħmlu fis-sajf, għalissa m'ghandnix nagħmlu dawn il-korsijiet iżda nipruvaw nagħmluhom fis-sajf li jmiss. Dan anke minħabba l-fatt li fl-aħħar snin meta ħriġna l-applikazzjonijiet biex isir dan il-kors, ma kienx qed ikun hemm konkorrenza u ħafna drabi ma kien qed japplika ħadd.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.05pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru, 2010 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

XEWKIJA

**Skeda ta' Pagamenti**

Data: 03.12.2010 Nru: 6-34

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont (Euro) | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Petty Cash Novembru 2010 | Cash | 94.25 | 8335 |
| 2 | Kont tat-telefon u fax | Go plc | 301.90 | 8336 |
| 3 | Kont (ADSL - Librerija) | Go plc | 13.87 | 8337 |
| 4 | Avviżi Offerti/Kwotazzjonijiet | Segretarju Permanenti OPM | 148.25 | 8338 |
| 5 | Tinsel tal-pjazza-Milied 2010 | Tal-Lira Ltd | 110.00 | 8339 |
| 6 | Kotba-Attivita GreenPak | Wise Owl | 149.80 | 8340 |
| 7 | Tipping fees Ġunju sa Diċembru 2010 | Wasteserv Malta Ltd | 6886.11 | 8341 |
| 8 | Materjal | Reno's Ironmongery | 100.00 | 8342 |
| 9 | Medal & Chain-Ġieħ ix-Xewkija | Vassallo Jewellery | 135.00 | 8343 |
| 10 | Frames Ġieħ ix-Xewkija | John Apap | 125.00 | 8344 |
| 11 | Safety Shoes-Martin Grima | Hilite | 35.00 | 8345 |
| 12 | Comp.Repairs/DVD/CD etc. | Island Tech | 123.28 | 8346 |
| 13 | Re-Mgarr ix-Xewkija | George Azzopardi | 22.65 | 8347 |
| 14 | Services Novembru 2010 | K.I.P. Għawdex Ltd | 2858.57 | 8348 |
| 15 | Tiswija ta' Lampi 2010 | Richard Cauchi | 1494.62 | 8349 |
| 16 | Fjuri u Pjanti | Il-Ġardina | 201.00 | 8350 |
| 17 | Servizz-Dokumenti Skema Speċjali | Gozo Express Services | 43.66 | 8351 |
| 18 | Ktieb Teżor - 2010 | Merlin Library Ltd. | 46.62 | 8352 |
| 19 | Services Public Convenience Ott' 10 | Accountant Public Clean.Sec. | 282.53 | 8353 |
| 20 | Polza Assigurazzjoni dwar flus | Assoċċjazzjoni Kunsilli L | 63.00 | 8354 |
| 21 | Servizz librerija Nov' 10 | Librara | 233.20 | 8355 |
| 22 | Tindif t'Uffiċċju | Publia Xerri | 50.00 | 8356 |
| 23 | Tindif t'Uffiċċju | Pauline Xerri | 50.00 | 8357 |
| 24 | Standard Logo-Jum ix-Xewkija | Frances Cassar | 125.00 | 8358 |
| 25 | Sinjali tat-traffiku | Refalo Signs | 329.22 | 8359 |
| 26 | Cancelled | | | 8360 |
| 27 | Servizz Bulky Refuse Ottubru 2010 | Joseph Attard | 59.13 | 8361 |
| 28 | Quddiesa eċċ - Jum ix-Xewkija | Arċipriet Mons C. Mercieca | 150.00 | 8362 |
| 29 | Ħriet | Mario Zammit | 165.00 | 8363 |
| 30 | Reception Jum ix-Xewkija | Pastizzeria Agius | 686.00 | 8364 |
| 31 | Manutenzjoni | Joseph Magro | 85.42 | 8365 |
| 32 | Servizz-Raod Markings | Guard & Warden Service L | 27.72 | 8366 |
| 33 | Dramm Jum ix-Xewkija 2010 | Arċipriet Mons C. Mercieca | 150.00 | 8367 |
| 34 | C.M. Fees Novembru 2010 | Galea Curmi Eng. Cons. | 88.40 | 8368 |
| 35 | Servizz tindif ta toroq Nov '10 | Xewkija Tigers FC | 923.81 | 8369 |

XEWKIJA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 36 | Latrina pubblika-Triq Ħamrija | A & E Mintoff Co Ltd | 13000.00 | 8370 |
| 37 | Tiżjin Pjazza Materjal (Tinsel) | Joe Cassar | 396.00 | 8371 |
| 38 | Arloġġ tal-Pjazza | Sandblasting - Joseph Saliba | 118.00 | 8372 |
| 39 | Ħarġa għat-tfal -Jum ix-Xewkija | Carmel Cini | 60.00 | 8373 |
| | | **Total €** | **29932.01** | |

Segretarju Eżekuttiv　　　Sindku　　　V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 419